

# L-IMĦABBA TĦOLL KULL DNUB

*Dun Pawl Sciberras*

## Ġesù jilqa' midinba magħrufa (Lq 7,36-50)

Meta naqraw it-test mill-isbaħ tal-laqgħa ta' maħfra bejn Ġesù u l-midinba magħrufa, mill-ewwel nindunaw bi ħjata li hemm fih: il-ġesti tal-mara jidhru bħala l-kawża tal-maħfra li qalgħet – il-ġesti qalgħulha l-maħfra (vv.47a. 37-38. 44-46); il-parabbola ta' Ġesù turi li l-ġesti huma konsegwenza tal-maħfra (vv.47b. 40-43).

| Ġesti kawża tal-maħfra | Ġesti konsegwenza tal-maħfra |
|---|---|
| [47a]Għalhekk ngħidlek li dnubietha, li kienu ħafna, nħafrulha, għax ħabbet ħafna; [37]Issa fil-belt kien hemm midinba magħrufa. Din saret taf li kien qiegħed għall-ikel fid-dar tal-Fariżew; ġiebet vażett ta' l-alabastru biż-żejt ifuħ; [38]u marret qagħdet warajh ħdejn riġlejh, tibki u xxarrablu riġlejh bi dmugħha u tixxuttahomlu b'xuxitha; imbagħad bisitlu riġlejh u dilkithomlu biż-żejt ifuħ. [44]Imbagħad dar lejn il-mara u qal lil Xmun: "Qiegħed taraha lil din il-mara? Dħalt għandek, u ilma għal riġlejja ma tajtnix, iżda hi riġlejja xarrbithomli bi dmugħha u xxuttathomli b'xuxitha. [45]Bewsa ma tajtnix, iżda hi minn xħin daħlet ma waqfitx tbusli riġlejja. [46]Rasi ma dlikthilix biż-żejt, imma hi dilkitli riġlejja b'żejt ifuħ. | [47b]imma min jinħafirlu ftit, ftit iħobb. [40]Imma Ġesù qabad u qallu: "Xmun, għandi ħaġa xi ngħidlek." "Għid, mgħallem?" qallu dak. [41]"Tnejn min-nies kellhom id-dejn ma' wieħed li jislef il-flus; wieħed kellu jagħtih ħames mitt dinar u l-ieħor ħamsin. [42]Minn fejn iħallsu dejnhom ma kellhomx, u hu ħafrilhom it-tnejn. Min minnhom se jħobbu l-iżjed?" [43]Wieġeb Xmun u qal: "Jidhirli jien li dak li ħafirlu l-iżjed." "Ħsibtha tajjeb," qallu Ġesù. |

## 1. Dar, mejda

Dar u stedina għal ikla huma ċ-ċirkostanza tal-laqgħa li jirrakkonta Luqa. Wieħed Fariżew jistieden lil Ġesù għal ikla fid-dar tiegħu u Ġesù jilqa' l-istedina, japprezza l-ospitalità.
Ma nafux x'kienet l-okkasjoni, imma rridu nassumu li f'ambjent fejn kienet komuni ħafna li jsiru ikliet għal mistednin speċjali, faċli li Ġesù, protagonist kontemporanju interessanti f'tagħlimu, f'imġibtu, fis-sinjali li jagħmel, jirċievi stedina bħal din. Aktar tard insiru nafu li l-istedina ma kinitx daqstant mill-qalb, għalkemm il-Fariżew ma kienx ostili għal Ġesù.



## 2. Mara … midinba … magħrufa

Fil-kuntest ta' din l-ikla, jiġri xi ħaġa li taħsadna: tidħol mara hemm ġew u tibqa' sejra lejn Ġesù. Mhux l-iktar li daħlet hemmhekk jissorprendina, imma li tissogra tidħol mara daqstant "barranija" għal dak l-ambjent, daqstant mhix milqugħa f'dak l-ambjent, tal-Fariżew u tal-istil tal-ħajja tiegħu. Il-mara li daħlet f'dar il-Fariżew, waqt ikla li kien qiegħed jagħti f'ġieħ l-Imgħallem Ġesù, kienet "midinba magħrufa" (v.37). Tliet frażijiet (mara, midinba,

magħrufa) li Luqa juża għall-mod ta' ħajja ta' dik il-mara. Dak kien il-mod li bih kienu jafuha tant tajjeb; u li hi donnha kienet taf tant tajjeb ukoll. Dak kien fatt oġġettiv. Imma l-kuntrast bejn dak li kienet magħrufa bih u dak li fil-fatt kienet minn ġewwa se jkun indikat iktar tard f'wieħed mill-ġesti tagħha. Tidħol b'determinazzjoni kbira malli ssir taf li kien għall-ikel għand il-Fariżew. Iż-żejt prezzjuż li kellha magħha fil-vażett ta' l-alabastru, u wkoll il-fatt li kellha l-kuraġġ li tidħol hemm ġew u l-ġesti li għamlet, juru ċar u tond x'kienet tassew l-intenzjoni tagħha: riedet tasal għand Ġesù, biex tagħtih qima, kif setgħet u bil-mezzi li kellha għad-dispożizzjoni tagħha. Dawn il-mezzi użathom mingħajr ma qagħdet tkejjel, u bis-simboliżmu ta' dawk id-doni riedet toffri lilha nfisha. Fil-fatt il-vażett tal-alabastru huwa s-simbolu ta' dak li kienet hi tassew: l-alabastru jħalli jidher il-kontenut li hemm ġewwa fih!

Tisfida l-ġudizzji tal-oħrajn, titbaxxa f'riġlejn Ġesù mimdud għall-ikel, u minn warajh tibda xxarrablu riġlejh bid-dmugħ, tixxuttahomlu, tbushom u tidlikhom biż-żejt ifuħ. Imma kull pass li għamlet, kull ġest, kull azzjoni tagħha kienu mmirati biss lejn Ġesù … donnu ma kien jeżisti xejn u ħadd iktar f'dak l-ambjent! Għaliha, għall-mara midinba magħrufa, iċ-ċentru kien biss Ġesù.

Il-mara ma tlissen lanqas kelma waħda, imma titkellem ħafna bil-ġesti u bl-imġiba tagħha. Sa tmiem ir-rakkont tibqa' siekta, riservata, imma determinata sa l-aħħar fl-għotja tagħha u fil-ġesti. Ma tidher l-ebda preokkupazzjoni fuqha: zgur mhix preokkupata li taħbi la dnubha u lanqas l-imħabba tagħha fil-ġesti lejn Ġesù. Mhix preokkupata b'dak li jistgħu jgħidu l-oħrajn imma mitlufa biss fil-ġesti lejn Ġesù.

Waqt li kienet se tagħmel ġest ta' reverenza kbira lejn Ġesù, tinfexx f'kommozzjoni ta' bikja sinċiera mimlija ndiema u mħabba. Bi dmugħha nieżel iġelben, taħsel riġlejn Ġesù qabel tidlikhomlu biż-żejt ifuħ u prezzjuż. Luqa jżid fl-intensità tal-ġest. Mingħajr ma titfixkel bl-emozzjoni tagħha, tħoll xagħarha u tixxotta d-dmugħ minn fuq riġlejn Ġesù. Li mara tneħħi l-velu u tħoll xagħarha fil-pubbliku kien ġest li jġib diżunur kbir lill-mara. Imma hi tħalli r-rikonoxxenza lejn dak li taha l-maħfra u mħabbtu mill-ġdid tieħu s-sopravvent, mingħajr ma tiddejjaq x'jgħidu l-oħrajn u tagħti kas biss li Hu jifhem is-sens tal-ġesti tagħha.

Hi, bid-determinazzjoni li tasal għand Ġesù bil-ġesti tagħha, kienet qed turi li l-imġiba tagħha riditha tfisser iktar minn imġiba lejn regola, jew kmandament jew moralità, imma riditha tfisser relazzjoni għal kollox ġdida mal-persuna ta' Ġesù, li fih kienet diġà lemħet lil dak li jista' jibdilha għal kollox billi jaċċettaha kif inhi, bid-dnub u bl-imħabba tagħha. F'Ġesù riedet tagħraf xi ħadd differenti minn Xmun jew minn dawk li kienu madwar, jiflu u jiġġudikaw.

## 3. Maħfura

Nistgħu ngħidu li biex għamlet dak li għamlet, bilfors li lil Ġesù kienet iltaqgħet diġà miegħu jew semgħetu jitkellem, jew semmewhulha u riedet tiltaqa' miegħu. Allura l-ġesti tagħha, l-ilfiq tagħha, id-determinazzjoni tagħha, ma jitkellmux u ma jgħidux biss hi min kienet imma jgħidu ħafna wkoll fuq Ġesù: min kien dan li r-regoli kollha aċċettati mis-soċjetà jiġu sfidati u mogħtija



l-ġenb għalih? Dawk il-ġesti tagħha juruha bħala mara ħielsa għax ġiet meħlusa minn xi ħadd, minn Ġesù, f'xi laqgħa qabel fejn hu salvaha (imqar bi kliemu) gratwitament! Meta: ma nafux. Imma żgur li l-mod kif laqagħha kkonferma dak li kien Hu, dak li kien hemm f'qalbu għaliha.

## 4. Il-kuntest ta' qabel u ta' wara

Tajjeb li ninnutaw li f'Lq 7,18-35, il-kuntest ta' qabel ir-rakkont tagħna huwa dak ta' nies li kienu jmorru għand Ġwanni l-Battista biex jitgħammdu (v.29). Jista' jkun li l-mara kienet marret għandu u l-magħmudija tiegħu qanqlitha tersaq lejn Ġesù? Jista' jkun li l-mara hija waħda mill-midinbin li jirreferi għalihom 7,34 bħala ħbieb ta' Ġesù, u għalhekk ħassitha maħfura billi għamlitha miegħu? Il-kuntest ta' wara r-rakkont tagħna (8,1-3) wkoll jirreferi għal nisa li kienu ġew meħlusa mill-ispirti ħżiena u mard, li kienu jakkumpanjaw lil Ġesù fil-ministeru tiegħu. Jista' jkun kienet waħda minnhom?

## 5. Opri tal-Liġi jew fidi f'Ġesù għall-maħfra tad-dnubiet?

Jidher li Luqa jiffoka fuq il-ġesti tagħha bħala sinjal, bħala konsegwenza tal-maħfra li diġà rċeviet.





*Ġesu jilqa' lil Midinba*

L-episodju ta' Pietru u Kornelju f'Atti 10,1-11,18 (miktub ukoll minn Luqa) huwa ċar ħafna fuq l-idea tal-indiema u l-konverżjoni. Mhumiex l-atti jew ġesti li jiksbu l-maħfra, l-indiema u l-konverżjoni: hija biss il-fidi f'Ġesù. Kornelju huwa deskritt bħala bniedem pagan imma li kien jagħmel ħafna atti tajbin u ta' min ifaħħarhom. Huwa deskritt hekk f'10,2: "Dan ir-raġel, flimkien mal-familja tiegħu kollha, kien bniedem sewwa u kellu l-biża' ta' Alla; kien jagħmel ħafna opri ta' karità mal-poplu u kien dejjem jitlob lil Alla." Safrattant, meta Luqa jerġa' jirrakkonta dik il-ġrajja, jdaħħal element ġdid u jgħid: f'10,33: "Għalhekk jien malajr bgħatt għalik (għal Pietru); u int għamilt sewwa li ġejt. Issa aħna qegħdin hawn ilkoll quddiem Alla, biex nisimgħu dak kollu li l-Mulej iridek tgħidilna." F'11,14: "hu jgħidlek kliem li bih issalva, int u l-familja tiegħek kollha." F'Atti 10,43, Pietru jiddikjara li: "Il-profeti kollha jixhdu għalih (għal Ġesù) u jgħidu li kull min jemmen fih jaqla' l-maħfra tad-dnubiet bis-saħħa ta' ismu." Mhux il-fatt li kien bniedem sewwa u kellu l-biża' ta' Alla; li kien jagħmel ħafna opri ta' karità mal-poplu


*Il-Midinba taħsel saqajn Ġesù*

u kien dejjem jitlob lil Alla; mhux l-opri u l-ġesti, imma l-fidi f'Ġesù ġabu l-maħfra u l-indiema f'Kornelju u l-familja kollha tiegħu. Mhux il-ġesti tal-mara, qawwija kemm kienu qawwija, qalgħulha l-maħfra, imma l-fidi fil-maħfra tiegħu! Ġesù ma jlissen l-ebda kelma. Għalkemm għajnejn dawk kollha li kienu hemm kienu fuqu, hu ma jitkellimx, jibqa' kalm ħafna. Imma kien qiegħed jagħti ħafna kas dak li kienet qed tagħmel, għax il-ġesti tagħha kienu jfissru ħafna: lilha, midinba magħrufa, kien ħalliha tersaq lejh u tmissu; mhux biss ma kienx imbuttaha 'l bogħod minnu jew waqqafha, imma lanqas fittex li jiġġustifika dak li kienet qed tagħmel.

## 6. Profeta … jew iktar?

Ir-reazzjoni ta' Xmun (u naturalment ta' kull min kien hemm ġew) kienet ta' skandlu, mhux tant għall-imġiba tagħha (kienet midinba magħrufa, x'tistenna!) imma ta' Ġesù! Il-mod kif kien qiegħed iġib ruħu hu, kien żgur sinjal li ma kienx profeta, għax kieku kien jinduna x'mara kienet! Imma kien hemm bżonn tkun profeta biex tinduna u tkun taf li kienet



*Il-Festa fid-dar ta' Xmun*



midinba, la kienet magħrufa bħala hekk? Imma ridt tkun profeta tassew biex tinduna li dak li kienet qed tagħmel il-mara kien sinjal ta' bidla tassew kbira, ta' akkoljenza ta' dak li kien qed jagħmel Alla magħha, ta' bniedma li tassew għarfet min kien tassew Ġesù.
Dak li lissen biss bejnu u bejn ruħu Xmun u ta' madwaru: "Dan, li kien profeta, kien ikun jaf min hi u x'mara hi din li qiegħda tmissu; kien ikun jaf, għax hi midinba!" (v.39) huwa mod ironiku ħafna li juża Luqa. Ma kellux bżonn ikun profeta biex ikun jaf min hi u x'mara hi, imma ried ikun tassew profeta biex jinduna x'kien hemm tassew f'qalbha, u min tassew kienet, mara mhux aktar midinba imma niedma, ħielsa u mfejqa!
Għax kien tassew profeta, Ġesù kien qiegħed jara mara li ħakmet il-grazzja u l-imħabba ta' Alla; ħaddieħor kien qiegħed jara biss il-mara ta' qabel, il-mara li għamel minnha ħaddieħor.
Luqa, fis-suspetti ta' Xmun, qiegħed jagħmel ħaġa oħra: iqajjem suspett ieħor fina li naqraw il-ġrajja miktuba ispirata, mistoqsija fundamentali – min hu tassew dan Ġesù? Xmun jara li mhux profeta; il-mara tara fih ferm iktar minn hekk; aħna nħarsu minn barra x-xena u nibdew naqbdu ħjiel li wkoll huwa iktar minn hekk. Aktar tard, fil-v.49, dawk preżenti għall-ġrajja jistaqsu: "Dan min hu biex jaħfer id-dnubiet ukoll?" Inħallu l-mistoqsija mdendla għal issa, għax se ninghataw tweġiba fl-aħħar!

## 7. Bidla fil-punt ta' l-attenzjoni: Xmun

Wara deskrizzjoni fina tal-ġesti tal-mara, Luqa jitfa' l-ispotlight xi mkien ieħor. Qisu jħalliha ftit fil-ġenb biex jiffoka fuq angolu ieħor, fuq persuna/i oħra. Fiċ-ċentru jiġi Ġesù ma' Xmun il-Fariżew. Tiġri xi ħaġa oħra, li fil-fatt tokkupa l-bqija (u l-parti l-kbira tar-rakkont): s'issa Ġesù kien sieket, u Xmun tkellem miegħu nnifsu. Issa Ġesù jibda jitkellem u jitħaddet ma' Xmun. Il-mara kienet spontanja fil-ġesti tagħha; Xmun huwa donnu riservat ħafna; iktar qisu josserva u jiġbed il-konklużjonijiet f'qalbu. Kien baqa' skandalizzat mhux l-aktar bl-imġiba tal-mara imma bil-mod kif Ġesù ma ndunax min kienet dik il-mara. Imma ħsibijietu ma qasamhomx ma' Ġesù ("l-Fariżew li stiednu qal bejnu u bejn ruħu" - v.39). Jidher ċar x'qiegħed jagħmel l-evanġelista bejn il-mara u Xmun: il-mara tintlaħaq fil-ġewwieni tagħha għax taqsam ma' Ġesù dak li kienet tħoss u kien hemm f'qalbha għalih mingħajr ma' Ġesù hemm għalfejn jgħid xejn; Xmun ma jintlaħaqx jekk mhux b'parabbola (mekkaniżmu ta' ħsieb u ġudizzju fuq sitwazzjoni maħluqa f'forma letterarja enigmatika) għax hu jibqa' magħluq fih innifsu fi ħsibijietu u fil-ġudizzji tiegħu, u minħabba f'hekk lanqas il-grazzja ta' Alla fil-konverżjoni tal-mara midinba magħrufa li ra sseħħ quddiemu ma tista' tinfdu. Xmun jingħalaq għall-grazzja ta' Ġesù imma Ġesù ma jridx jingħalaq għal Xmun. U jieħu l-inizjattiva hu! Issa Ġesù jidħol fi ħsibijietu u jindirizzahom b'parabbola: forma letterarja ta' tagħlim imħaddem ħafna mill-imgħallmin Lhud, forma li se tgħinu l-ewwelnett jifhem.
Imma fil-fatt biss li Ġesù jagħti kasu, u jindirizzah



b'mod tal-mestier tiegħu, juri li anke Xmun hu importanti għal Ġesù, anke hu għandu bżonn is-salvazzjoni tiegħu, u lest jiltaqa' miegħu skont is-sitwazzjoni u ċ-ċirkostanzi tiegħu. Il-parabbola hija forma ta' storja maħluqa djaloġika-argumentattiva (mhux xi rakkont ta' fatt storiku), meħuda mill-ħajja ta' kuljum, imma li għandha l-għan speċifiku li twassal lil min jismagħha jieħu pożizzjoni, jagħmel ġudizzju, speċjalment fuqu nnifsu, l-iktar fuq issues li dejjem ħadhom for granted imma li l-parabbola trid theżheż! Ġudizzju li jinbet minn tgħarbil intelliġenti u sinċier tal-kuxjenza.

## 8. Parabbola

Is-sid jiddeċiedi li jaħfer id-dejn sħiħ ta' żewġ debituri tiegħu għax huma ma kellhomx minn fejn. Id-deċiżjoni tiegħu hija ppreżentata bħala fatt, mingħajr xi kunsiderazzjoni ta' mertu jew ġudizzju dwar xi wieħed mid-debituri: somom differenti maħfura lit-tnejn. Imma r-rikonoxximent, il-gratitudni għal dik il-maħfra miż-żewġ debituri tiddependi għal kollox mill-ġudizzju li jagħmel kull wieħed mit-tnejn fuq is-sitwazzjoni tiegħu: ma kellix minn fejn; ma għamilt xejn jien biex jinħafirli d-dejn tiegħi; lanqas biss tlabt li jinħafirli; kollox hu inizjattiva tal-qalb tajba u l-bona volontà tal-kreditur!

Min sema' l-parabbola, l-aktar Xmun, jikkonkludi ma' Ġesù li l-għażla tal-kreditur li jaħfer liż-żewġ debituri, għal kollox gratwita għax m'hemm l-ebda kondizzjoni imposta jew murija mid-debituri, mhix għal kollox paradossali. Li Xmun fehem li dak li nħafritlu l-akbar somma jħobb iktar lis-sid, hija l-punt li Ġesù jrid iwassal għalih lis-semmiegħa tiegħu.
Il-qalb kbira tas-sid timbuttak jew tħajrek tħobbu iktar u tassew.

## 9. L-applikazzjoni tal-parabbola

Interrogat minn Ġesù dwar il-parabbola, Xmun iwieġeb u t-tweġiba tiegħu timpenja mhux biss l-għarfien f'dak li jaf, imma wkoll l-użu tajjeb ta' l-intelliġenza tiegħu f'illi jiżen l-affarijiet, jagħżel. Xmun jirrappreżenta lil kull min jaqra l-Kelma ta' Alla: min jaqraha ma jridx biss jikseb tagħrif ġdid għax tgħallem ngħidu aħna parabbola oħra, ġrajja oħra fil-ħajja ta' Ġesù, imma wkoll irid jgħarbel il-ħajja tiegħu stess. L-istorja, il-parabbola, il-ġrajja tgħarbel lilu: fl-istorja, fil-parabbola, fil-ġrajja jaqra l-istorja u s-sitwazzjoni tiegħu stess!
Ġesù jikkonferma l-ġudizzju tajjeb li għamel Xmun dwar il-parabbola: " [42b]"Min minnhom se jħobbu l-iżjed?" [43]Wieġeb Xmun u qal: "Jidhirli jien li dak li ħafirlu l-iżjed." "Ħsibtha tajjeb," qallu Ġesù". Issa Ġesù jista' jgħin lil Xmun jgħarbel is-sitwazzjoni tal-mara quddiemu u f'daru b'iktar oġġettività (jaqra dak li hemm ġol-važett minn ġewwa), u li fuqha kien diġà għadda l-ġudizzju fuq Ġesù ("ma jistax ikun profeta") u fuq il-mara stess ("mara midinba bħalha"). Minn hemm ikun jista' jgħarbel is-sitwazzjoni ta' ħajtu b'aktar trasparenza u oġġettività (bħal fil-važett tal-alabastru) ... u jieħu deċiżjoni!
Luqa jinnota l-moviment fiżiku ta' Ġesù … biex jiġbed l-attenzjoni għal dak li għaddej fil-qlub ta' dawk preżenti hemm ġod-dar ta' Xmun, u dawk preżenti quddiem l-evanġelju fil-qari tiegħu: Ġesù jdur lejn il-mara, il-mara li "daret" lejn Ġesù u lejn Alla, Xmun mistieden "idur" lejn il-qalb ta' Alla wkoll ... u aħna?!
Il-kelma bil-Grieg għal "iddur" hija l-istess verb għal "tikkonverti" ... con-vertere iddur lejn!
Ġesù jdur lejn il-mara u jistieden lil Xmun (u lil dawk preżenti u lilna ...) jdur lejha wkoll (billi l-ewwel idur fiżikament ħa jaraha): "Qiegħed taraha lil din il-mara?" (v.44)
Ried jgħidlu: "Qed tara b'liema libertà imlietni bl-attenzjoni u l-imħabba tagħha? Tagħraf minn fejn setgħet ġabitha dik il-libertà? Tagħraf li, bħad-debituri tal-parabbola li għaliha għadek kemm weġibt tajjeb inti stess, din il-mara tħossha tant maħbuba minn min diġà ħafrilha ħafna?"
Xmun il-Fariżew isir f'dan l-istadju ermenewta (wieħed li jinterpreta) tas-sens, tas-sinifikat, tal-ġesti wieħed wieħed tal-mara kif iddeskrivihomna l-awtur. Imma fuq kollox issa jista' jfisser, fid-dawl tal-parabbola (min minnhom iħobbu l-iktar? ... dak li ħafirlu l-aktar!), ir-raġuni fil-fond fil-fond għala għamlet dak kollu li għamlet ... u fuq kollox fejn qiegħdha qalbha issa!
Jekk il-ġesti tagħha flimkien huma sinjal ċar u jgħajjat tal-gratitudni lejn Ġesù u l-imħabba fil-maħfra li wrieha, allura huma sinjali tal-għarfien li ġiet milqugħa mill-ġdid, imma wkoll li issa hi stess tista' tilqa' lil dak li ħafrilha, ħabbha u laqagħha lura ġo qalbu. Issa hi ħadet post Xmun: hu lil Ġesù daħħlu biss f'daru imma ma laqgħux kif kellu jilqgħu;
hi, l-mara midinba magħrufa, saret il-vera hostess ta' Ġesù ġo fiha u f'ħajjitha, u ta' dak kollu li għamel magħha.
Din kienet il-bidla ("dawra") l-kbira li ġab fiha Ġesù: issa tista' tħobbu tassew, b'libertà li għamlitha tassew sħiħa.
Fir-rakkont ta' Kornelju, li jgħin biex nifhmu minn

fejn tiġi l-maħfra, il-Lhud infushom, li qabel kienu ħaduha kontra Pietru għax daħal għand u kiel mal-pagani, jistqarru: "“Mela Alla lill-pagani wkoll tahom l-indiema li twassal għall-ħajja!”" (11,18) permezz tal-fidi f'Ġesù (10,43)! Atti 15,9: "Saffielhom (lill-pagani) qalbhom bil-fidi" – hija d-dikjarazzjoni ta' Pietru quddiem il-Knisja ta' Ġersualemm fis-Sinodu, b'referenza ċara għall-episodju ta' Kornelju u l-familja kollha tiegħu, fejn l-opri tal-Liġi kienu qegħdin jiġu diskussi!

| | |
|---|---|
| Xmun stieden lil Ġesù għandu | Ġesù laqa' bil-qalb l-istedina tiegħu u daħal għandu |
| Ġesù laqa' mill-ġdid għandu lill-mara midinba | Il-mara tilqa' bil-qalb l-istedina ta' Ġesù u terġa' lura għandu b'ħafna gratitudni |



| | |
|---|---|
| Xmun ma jagħrafx biżżejjed l-imħabba ta' Ġesù meta laqa' l-istedina u daħal għandu, u ma kienx host kif kellu jkun | Il-mara midinba tagħraf tajjeb l-imħabba gratwita ta' Ġesù u hi ssir hostess tajba ħafna tiegħu |
| Xmun jiġi mistieden isir host ta' Ġesù u jitgħallem minnu x'jiġifieri tkun host | Il-mara diġà saret hostess ta' min ifaħħarha |
| Xmun iħares lejn kollox mil-lenti ta' host li ma jafx tajjeb x'jiġifieri tkun host | Il-mara qrat kollox bil-lenti ta' x'jiġifieri tkun hostess ta' Ġesù li laqagħha għandu u għallimha Hu kif tkun hostess |

- Xmun fil-mara ra d-dnub – il-vażett minn barra biss;
- Ġesù fil-mara ra l-gratitudni u l-apprezzament għall-maħfra li taha - il-fwieħa minn ġo l-alabastru tal-vażett – il-ġesti-sinjal tal-gratitudni lejn il-maħfra li taha.

Fil-bidu, Xmun, il-mara, u aktar tard dawk preżenti għax-xena kollha, aħna ... konna lkoll quddiem mistoqsija: "Dan min hu?" Fil-vv.47-48, Ġesù jgħid li lill-mara nħafrulha ħafna ħtijiet. Il-verbi (aphiōntai u aphietai) huma fil-passiv (teoloġiku): huwa Alla wara l-azzjoni tal-maħfra. U Alla xejn ma jżommu milli jaħfrilha permezz ta' dak li "ġie jfittex u jsib lill-mitluf" (Lq 19,10). Dan min hu, li jista' jkun daqstant qrib ta' Alla –li waħdu jista' jaħfer id-dnubiet– biex dnub din il-mara jinħafru permezz tal-fidi fih, għax hu jiddikjara dnubietha maħfura? Dak li "mhux profeta" … għax hu ikbar minn hekk, huwa dak li Alla permezz tiegħu jaħfer id-dnubiet u jsalva lill-bnedmin. Huwa hu Alla nnifsu!



## 10. Konklużjoni

Tilqa' lil Ġesù mhux biss billi toffrilu d-dar imma tilqgħu tassew ġewwa fik … u tilqa' dak li jista' jagħmel għalik! Tagħtih mhux xi ħaġa, imma lilek innifsek. Jekk fil-Bibbja l-maħfra u l-ħniena huma mxebbha mal-ġuf (bil-Lhudi raħamim) li joffri spazju f'Alla għal min idur lejh, il-mara sabet l-ispazju ġol-qalb ta' Ġesù biex terġa' ssir hi, u tagħraf dik l-imħabba.

Xmun jiġi mistieden isib hu wkoll l-ispazju fil-ġuf tal-ħniena ta' Ġesù, u jagħmel spazju għal Ġesù mhux biss fid-dar tiegħu imma f'qalbu wkoll.

Il-maħfra u l-indiema jfissru mhux l-aktar li INTI tgħid ħtijietek, imma li tħalli lil ĠESU jibdilhom fik fi mħabba tiegħu.